# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 356/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Duncan Scerri**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Duncan Scerri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 544075M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' April, 2006 u tliet xhur qabel, gewwa Bugibba u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 jew 6 Taqsima tal-ordinanza u meta ma kienx bil-Licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-

ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal- 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Preikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Gunju, 2015 li biha sabet lill-appellant hati u ikkundannatu ghal piena ta' erba' (4) snin prigunerija u multa ta' tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta setghet tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza ergoata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' sitt mija u ghaxar Euro u ghoxrin centezmu (€610.20), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lil preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jkunu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur u ordnat ukoll l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus ezebiti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Duncan Scerri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Lulju, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponenti mill- akkuza ta' pussess aggravat u fin-nuqqas tapplika piena anqas harxa;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami illi qatt ma kellu jkun misjub hati tal-imputazzjoni ta' pussess bl-aggravju li din ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu izda biss ta' pussess semplici. Jokkorri ghalhekk re-ezami approfondit tal-provi sabiex din il-Qorti tkun f'qaghda tikkonferma o meno jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;
2. Fid-29 t'April, 2006, l-appellant kien intercettat mill-Pulizija appena quddiem ir-residenza tieghu u kien ghadu kemm iltaqa' ma' persuna ohra. Peress illi l-appellant kien taht sorveljanza minhabba suspett ta' attivita' kriminali, l-Pulizija ghamlu tfittxija fuqu u fuq il-persuna l-ohra. Fuq din tal-ahhar ma sabu xejn izda fuq l-appellant sabu tlett iqratas suspettati eroina. It-tfittxija kompliet gewwa r-residenza tieghu u fil-kcina instabu s-somma ta' Lm350 fi flus kontanti, diversi bicciet ta' *foil* mahrug, *foil* maghmul forma ta' pipa bi

tracci fuqha, *exercise book*, notebook u *aluminium foil* gdid. Fil-kamra tas-sodda instabu mizien elettroniku, zewg mqassijiet, diversi boroz tal-plastic godda, *aluminium foil* mahruq, borza tal-plastic zghira bi tracci fuqha, zewgt iqratas tal-karti bi tracci u zewg boroz tal-plastic zaghar b' sustanza suspettuza fihom;

3. Espert appuntat mill-ewwel Qorti biex janalizza dawn l-oggetti rrelata illi ma kienx hemm mechanical fit bejn il-faccati tal-pitazzi u l-karti tal-qratas; ma kienx hemm mechanical fit bejn ir-rombli tal-*foil* u l-bicciet tal-foil l-ohra; ma nstabet ebda sustanza illegali fuq iz-zewg imqassijiet u d-diversi bicciet tal-*foil* l-ohra. Tracci tas-sustanza eroina izda instabu fuq bicca *foil*, *paint knife,* gewwa l-borza ta' l-plastic zghira u fuq zewg bicciet karti rettangulari. Fit-tlett iqratas, fil-borza tal-plastic u f'zewgt iqratas ohra kif ukoll fit-trab lewn kaffelatte kien hemm is-sustanza eroina b'piz nett ta' 37.05 grammi b'purita' ta' cirka 41.7%;

4. L-ewwel Qorti, wara li ccitat gurisprudenza, korrettament dwar dawk il-provi li jistghu iwasslu ghal-sejbien ta' hitja f'dawn ic-cirkostanzi, ghaddiet biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigwardanti l-ammont ta' droga misjuba u dak li l-appellant xehed in rigward. Fid-deposizzjoni tieghu, l-appellant qal li dak iz-zmien kien *heavy user* tad-droga u qal li kien jiehu sitt darbiet kulljum, filghodu, f'nofsinhar u jerga fis-saghtejn, fl-erbgha u fis-sitta ta' filghaxija u qabel jorqod. Jghid ukoll illi dak iz-zmien kien jghix bil-beneficcji socjali ta' hamsa u ghoxrin lira fil-gimgha u kien qed ihallas kera ta' mitt lira fix-xahar u kien itajjar tlieta u ghoxrin lira kulljum fuq id-droga. L-ewwel Qorti ghamlet il-kalkoli matematici taghha u kkonkludiet illi l-ispejjez li ghandu l-appellant jikkontrastaw sew mal-introjtu tieghu mill-beneficcji socjali. Dan, oltre, l-fatt li fir-residenza tieghu instabu flus kontanti fl-ammont ta' Lm325 jitfa dubji serji

dwar il-provenjenza tal-flus sabiex ikun jista' jlahhaq ma' dawn l-ispejjez kollha;

5. F'dawn il-parametri l-ewwel Qorti kienet perfettament in regola li ssib htija fl-appellant. Minkejja dan, hemm elementi fil-provi li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiehu in konsiderazzjoni fir-ragunament taghha. Meta l-ewwel Qorti rragunat illi l-appellant jikkonsma 1.5 gm eroina kulljum u li konsegwentement l-ammont li instab ghandu kien iservieh 24 gurnata, kkonsidrat illi fl-istqarrija tieghu qal li jikkonsma 1.5gm kull jum u fix-xhieda tieghu, snin wara, qal zewg grammi, u ddecidiet illi la darba qal 1.5gm *a tempo vergine* allura ghandha tkun dik id-doza veritiera. B'doza ta' zewg grammi, l-ammont li instab fuqu kien iservieh 18-il jum u mhux 24, liema tul ta' granet b'doza ta' zewg grammi kulljum naturalment jidhru anqas impressjonanti u ma hemm xejn estremament inveritier li *heavy user* ikollu hazna ta' tmintax-il jum droga. Ghandu jkun puntwalment kjarit ukoll il-fatt illi l-ewwel Qorti qieset l-assjem kollha tad-droga misjuba sia fuq l-appellant waqt li kien barra mir-residenza tieghu kif ukoll l-ammont misjub gewwa. Dak misjub fuqu fit-triq kien ta' tlett iqratas fl-ammont totali ta' 0.41 gm igifieri appena sufficjenti ghall-tlett dozi. Huwa jghid li dawn kienu fuqu ghaliex huwa traskurat;

6. L-ewwel Qorti ghamlet enfasi ukoll fuq l-ammont ta' Lm325 misjuba ghand l-appellant u dwar dan offra l-ispjegazzjoni illi kienet tathomlu ommu biex ihallas il-kera bihom. Osservat l-ewwel Qorti li dan ma jistghax ikun ghaliex kien ghadu fit-tielet gimgha tal-kirja u ommu tatu biex ikollu ghall-kera ta' aktar minn tlett xhur. Inoltre, "*L-imputat ma ta l-ebda raguni ghalfejn ma baqax joqghod ma' ommu – kif wiehed kien jippretendi fic-cirkostanzi, halli ma jzidx l-ispejjez, - u jidher li r-relazzjonijiet ta' bejniethom kienu tajbin, ladarba skont l-imputat kienet hi li tatu is-somma ta' Lm325.00*". Din l-ahhar osservazzjoni tal-Qorti ma kienitx wahda gusta u kien ikun aktar desiderabbli li taghmel domandi hi lill-appellant wara li xehed

quddiemha milli taghmel osservazzjonijiet li issa ma jistax iwiegeb ghalihom;

7. Issa, minkejja il-konsiderazzjonijiet l-ohra lkoll validi tal-ewwel Qorti, din il-Qorti opportunament tosserva illi l-appellant kien intercettat vicin ir-residenza tieghu qed jitkellem ma' persuna ohra. Dik il-persuna saritilha tfittxija u ma nstab xejn fuqha, la droga u anqas flus. Fuq l-appellant instabet biss droga u xejn flus. Dan ghandu iwassal ghall-konkluzzjoni logika illi, almenu sa dak il-hin, it-terz la kien akkwista droga minghand l-appellant u wisq anqas hallas ghaliha. Inoltre, l-appellant cahad kategorikament li dawk il-flus kienu provenjenti mill-bejgh tad-droga. Is-sejba tal-ammont ta' foil mahruq certament huwa indizzju li l-appellant huwa *heavy user*. Il-mizien misjub fil-kcina irrizulta mhux funzjonanti u min ibiegh id-droga certament jaghmel uzu minn mizien biex ikun jaf kemm qed ibiegh; l-ammont li instab fil-qratas ukoll ma jimmeritax li jkun skartat: 0.12gm, 0.14gm, 0.15gm, 0.19 gm u 0.19 gm – hemm differenza notevoli bejn 0.12gm u 0.19 gm meta si tratta ta' droga eroina tant li bejn l-ewwel erba pizijiet hemm differenza ta' gramma (utili ghall-hames okkazzjonijiet skond il-kalkoli tal-ewwel Qorti). Naturalment wiehed jista' jargumenta illi l-appellant kien lest li jbigh id-droga bil-piz approssimattiv ghaliex kellu l-mizien ma jahdimx pero' ma huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tinoltra f'teoriji simili ghaliex il-funzjoni taghha hu li tiehu konjizzjoni tal-fatti kif esposti;

8. Notevoli ta' kumment ukoll huwa l-fatt illi ma kien hemm l-ebda mechanical fit bejn il-karti tal-qratas u il-foil. It-tezi li l-appellant kien sejjer jispacca droga li kien ghadu kemm poggiha fi qratas hu stess gewwa r-residenza tieghu allura ma ssib ebda akkoljiment;

9. Din il-Qorti ghandha *a lurking doubt* kemm verament l-appellant kellu l-intenzjoni li jispacca d-droga u l-fatti aktar itendu lejn *heavy user* iddisprat biex jakkwista droga bizzejjed biex ma jinqabadx minghajr din is-sustanza. Ghalhekk, ghalkemm l-ewwel Qorti setghet

legalment tasal għall-konkluzzjoni li wasslet għaliha, din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, thoss illi għandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti;

10. Għalhekk, għar-raġunijiet hawn mogħtija, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u qed tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati ta' pussess ta' droga eroina f'ċirkostanzi li juru li ma kienux għall-użu esklussiv tiegħu u minflok, wara li rat l-artikoli 22(1)(a), (2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta u r-Regolament 4 u 9 tal-GN 292/1939, issibu ħati ta' pussess ta' droga eroina mingħajr l-aggravanti. Tħassarha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal-piena ta' erba snin priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' €3000, minflok tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf Euro u tikkonfermaha kwantu ordnat il-ħlas tal-ispejjez tal-espert u d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati magħha.